# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 1 ta' Frar, 2018**

**Rikors Numru: 625/2014JPG**
**Kawza Numru: 2**

**Busy Bee Limited (C6186)**
**VS**
**Norelle Borg (ID 382987M)**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors guramentat ta' Busy Bee Limited, datat 14 ta' Lulju, 2014, vide fol 1 et seqq., li jaqra hekk;

*Tesponi bir-rispett, u Brian Friggieri, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 039771M, direttur u rappreżentant legali ta' l-istess kumpannija, bil-ġurament tiegħu jiddikjara:*

*(1) Illi l-intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tnax-il elf, tliet mija u disgħa u ħamsin ewro u sitt ċenteżmi (€ 12,359.06), liema ammont jirrappreżenta servizzi reżi u prodotti ta' ikel ikkonsenjati mis-soċjeta' esponenti lill-intimata għal tieġ ta' l-istess intimata fuq inkarigu tagħha stess, u dan hekk kif jirriżulta wkoll minn kopja tal-fattura hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. BB1';*

(2) *Illi minkejja illi l-intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-imsemmi ammont lis-soċjeta' esponenti, l-intimata baqgħet inadempjenti;*

(3) *Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex dina l-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), stante li dan il-kreditu ta' tnax-il elf, tliet mija u disgħa u ħamsin ewro u sitt ċenteżmi (€ 12,359.06), huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti, l- intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont;*

(4) *Illi l-intimata hija konsapevoli minn dawn il-fatti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża;*

(5) *Illi dawn il-fatti huma magħrufa minn Brian Friggieri (K.I 039771M) personalment;*

*Għaldaqstant, tgħid l-intimata għaliex għar-raġunijiet premessi m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

1. *Tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skond l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

2. *Tiddikjara lill-intimata vera, ċerta u likwida debitriċi versu s-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tnax-il elf, tliet mija u disgħa u ħamsin ewro u sitt ċenteżmi (€ 12,359.06);*

3. *Tikkundanna lill-intimata sabiex minnufih tħallas s-somma ta' tnax-il elf, tliet mija u disgħa u ħamsin ewro u sitt ċenteżmi (€ 12,359.06), lis-soċjeta' rikorrenti, bl-imgħaxijiet bl-ogħla rata permessi fil-liġi mid-data tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju hekk kif tindika l-fattura annessa u mmarkata bħala 'Dok BB1' bħala data ta' skadenza tat-terminu għall-ħlas, u dan sad-data tal-ħlas effettiv;*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata illi minn issa nġunta in subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-Risposta ta' Norelle Borg datata 5 ta' Novembru, 2014, (vide fol 24 et seqq.), li taqra hekk;

*Illi l-pretensjoni tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata;*

*Illi r-rikorrent naqas li jaqdi l-inkarigu lilhu moghti skont is-sengha u l-arti u ghalhekk l-ebda ammont ma hu dovut lilu;*

*Dwar fatti:*

1. *Il-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors tal-attur huma kontestati ghalkemm mhux kontestat li l-attur inghata l-inkarigu biex jipprepara u jhejji il-festin tat-tieg tal-konvenuta;*

2. *Il-fatti fit-tieni paragrafu tar-rikors tal-attur huma kontestati u illum stante li l-konvenuta giet ammessa biex tikkontesta din il-kawza ma ghadhomx aktar mehtiega;*

3. *Illi l-fatti fit-tielet u r-raba paragrafu tar-rikors tal-attur huma kontestati; illi huwa minnhu li l-attur inghata l-inkarigu li jippreparalha il-festin tat-tieg imma ma qeghdix dak l-inkarigu skont l-arti u s-sengha u b'dik id-dilegneza mistennija minn bniedem tas-sena; tant li fit-tieg naqas l-ikel u kien hemm diversi persuni li kkumentaw u lmentaw mill-kwalita tal-festin; illi l-esponenti flimkien ma' missierha mill-ewwel ilmentaw li s-servizz lilha moghti ma kienx tal-livell mwieghed u li sahansitra diversi mill-invitati ghat-tieg taghha baqghu bil-guh waqt il-festin ta' wara z-zwieg; dan kien ghaliex r-rikorrent li ha hsieb it-tieg ma kienx jaf jew ma pprovdiex bizzejjed kif kienet tirrikedi l-arti u s-sengha. Meta l-intimata u missierha ilmentaw minn dan r-rikorrenti stess irrikonoxxew l-izball taghhom u skuzaw ruhhom. B'dana kollu ma tawhom l-ebda rimedju ghall-akkadut; l-esponenti mhiex obbligata thallas ghaliex il-kuntrattur naqas li jaqdi l-appalt lilu moghti skont l-arti u s-sengha u dwar dan hija pronta li tressaq diversi xhieda li jistghu jixhdu li l-appalt ma giex esegwit sew. Huwa utili li wiehed jiccara li l-intimata kienet inkarigat lill-rikorrenti biex jiehdu hsieb il-festin tat-tieg u halliet f'idejhom kompletament biex jiddeciedu dak li kien hemm bzonn li jsir, ben intiz li hija specifikat in-numru tan-nies li kienu ser ikunu invitati u li riedet li l-affarijiet jkunu ta' livell tajjeb. Hija mxiet f'kollox fuq ir-rakomandazzjonijiet tar-rikorrent, sabiet li waqt il-festin l-invitati thallew bil-guh ghaliex ma kienx hemm bizzejjed ikel ipprovdut ghan-numru tal-invitati specifikati u dan b'misthija kbira ghaliha bhala l-gharusa; ghalhekk hija qieghda tikkontesta t-talba tar-rikorrenti.*

4. *Illi l-esponenti qieghda tirriserva d-dritt lilha spettanti konta l-attur ghad-danni u telf ta' gieh lilha kawzat mir-rikorrenti*

*minhabba li ma esegixxewx l-appalt lilhom moeghti skont is-sengha u l-arti, u qieghda minn issa tikkjamah biex jasal ghall-likwidazzjoni ta' u jhallas l-istess danni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Norelle Borg** xehdet in subizzjoni illi hija ordnat ikel ghat-tieg taghha minghand is-socjeta rikorrenti u kkonfermat illi ma hallsitx ghal dan, ghaliex ma kienx hemm bizzejjed ikel fit-tieg. Spjegat li taf b'dan l-ewwel nett ghaliex qalulha diversi mistiednin illi hargu mit-tieg bil-guh, t-tieni nett ghaliex ma kienx baqa' ikel wara t-tieg biex tiehu d-dar, u t-tielet nett ghaliex kien qalilha l-*wedding organiser* taghha. Kompliet illi tliet ijiem wara t-tieg taghha, kien ra il-*headwaiter* li kien hemm fit-tieg taghha, certu Philip, ghaliex kellhom tieg iehor f'Palazzo Nobile u kien qalilha li jiddispjacieh ta' dak li gara u li kien it-tort tas-socjeta rikorrenti li ma kienx hemm bizzejjed ikel. Qalilha li kien iduna b'dan filghodu, ghaliex mill-lista, kien jidher li ma kienx ser ikun hemm bizzejjed ikel.

Spjegat illi kienu marru hi u ommha personalment sabiex jordnaw dan it-tieg u kienu kellmu lil Marco Buttigieg u qalulu li riedu tieg ta' hames mitt persuna. Kompliet illi meta raw certu kwantitajiet zghar, ommha gibdet l-attenzjoni ta' Buttigieg dwar dan mill-ewwel, izda hu qalilha li dawn in-numri kienu hemm ghaliex ikun hemm min ikollu xi allergija u min ma jmurx. Ommha mill-ewwel wiegbet li fit-tigijiet tal-

familja taghom, il-mistiednin dejjem jattendu kollha, pero Buttigieg qalilha biex thalli f'idejh biex ma jkunx hemm hela ta' ikel jintrema. L-intimata ziedet illi hija kienet marret ghand is-socjeta rikorrenti xi sena u nofs qabel id-data ta' tieg, u kienet biddlet l-ordni darbtejn. Spjegat illi l-ewwel kienu ghamlu ordni semplici u hallsu depozitu ghalih. Sussegwentement kienu bidluh billi talbu ***upgrade*** tat-tip ta' ikel, u t-tielet darba, li kienet proprju lejn l-ahhar, kienu marru jghidulhom illi kien semghu b'tieg partikolari u riedu li l-ikel fit-tieg ikun bhal dak li gie servit f'dan it-tieg. Mistoqsija jekk dak iz-zmien is-socjeta rikorrenti kienetx tat indikazzjoni ta' kemm idum iservi l-ikel ordnat qalet illi hi xtaqet li t-tieg idum sat-tmienja, izda Buttigieg kien qalilha li n-nies jghajjew u jitilqu u kienet accettat. Ziedet li ghalhekk kienet taf x'qed jigri meta saru s-sitta u nofs u, il-mistednin ma kellhomx xi'jieklu. L-intimata sostniet l-ilment taghha hu proprju li l-mistiednin ma kellhomx bizzejjed x'jieklu tul it-tieg kollhu. Mistoqsija jekk ordnatx *after party,* wiegbet fin-negattiv ghaliex Buttigieg qalilha li kellha bizzejjed ikel. Xehdet illi hija kienet marret ghand il-Busy Bee ghat-tieg taghha ghaliex ghandha reputazzjoni tajba u illum il-gurnata jiddispjaciha ghaliex waqqghula wiccha l-art.

Qalet illi dakinhar tat-tieg ma kienux ilmentaw mas-socjeta rikorrenti ghaliex dakinhar hi lanqas biss kienet marret id-dar, u saret taf x'gara l-ghada filghodu waqt li kienet qieghda tiehu *breakfast* f'lukanda ghaliex cemplitilha ommha biex tghidilha x'kien qed jigri. Kompliet illi dakinhar ma setghux immorru ghand is-socjeta rikorrenti peress illi t-Tnejn ma jkunux miftuhin u ghalhekk kienu marru t-Tlieta sabiex jilmentaw. Xehdet ukoll illi hija kienet marret tiehu parir minghand Camilleri and Sons Caterers li kienu qalulu li zgur ma kienx hemm bizzejjed ikel f'dik l-ordni ghat-tieg ta' hames mitt ruh.

**In kontro-ezami** xehdet illi t-Tlieta ta' wara t-tieg kienu marru jkellmu lid-derigenti tas-socjeta' intimata Marco u Diane, sabiex jilmentaw u jghidulhom li kienu hargu disappuntati hafna, u dawn kienu qalulhom li kienu ser jirrevedu kollox u dakinhar filghaxija stess kienu cemplulhom sabiex imorru l-ufficju taghhom ha jitkellmu. Spjegat li kienu qalulhom li kienu qed jassumu responsabbilita ta' dak li gara u li

kien iddispjacihom hafna. Xehdet li kienu regghu marru darba ohra u qalulhom li huma riedu li s-socjeta rikorrenti tibghat ittra ta' apologija lill-mistiednin jew *party* iehor, izda dawn irrifjutaw, u ftit jiem wara Marco kien cemplilha u qalilha li ser jaghtiha skont, u cioe li kien ser jaghtiha l-*cake* b'xejn.

**Rita Muscat** xehdet illi hija kienet marret ma' bintha l-intimata ghand is-socjeta rikorrenti u mill-ewwel kienu qalu illi dan kien ser ikun tieg ta' hames mitt persuna u li riedu tieg fejn ikun hemm hafna ikel. Qalet illi hija kellha tfal ohra li kienu diga zzewgu u l-*caterer* tat-tieg taghhom kien Peppi Primavera izda bintha xtaqet li l-*caterer* ghat-tieg taghha tkun is-socjeta rikorrenti ghaliex dejjem ghogobhom l-ikel taghha. Filfatt ma kellhomx xi jgergru bil-kwalita tal-ikel li kellhom fit-tieg taghhom. Qalet illi l-unika ilment li kellhom kien li ma kienx hemm bizzejjed ikel ghall-mistiednin u dan minkejja li kien qaltilhom li riedet li jkollha ikel bizzejjed. Qalet li filfatt l-ewwel darba li marret tghidlu biex izid fl-ikel qalilha li ma kienx hemm ghalfejn ghaliex kien hemm ikel bizzejjed u iddecidew minflok li jibdlu t-tip ta' ikel biex ikun ta' kwalita ahjar. Qalet ukoll illi hija kienet gibdet l-attenzjoni tas-socjeta rikorrenti ghal-fatt illi hija diga kellha tigjiet ohra fil-familja taghha u xi tletin persuna biss ma kienux attendew. Xehdet li wara li kienu marru l-ewwel darba, kien regu maru u s-socjeta rikorrenti ziedet l-*items* li kellhom jigu serviti fit-tieg, ghalkemm ma tafx kemm il-*item* zdied. Xehdet li meta marru t-tielet darba jista' jkun li nbidlet l-ordni, ghaliex hi riedet illi tkompli tizdied il-kwantita, izda fuq parir tas-socjeta rikorrenti kienu nbidlu xi affarijiet biex tizdied il-kwalita minflok. Xehdet illi fl-ahhar ordni kienu marru bil-lista ta' nies miktuba bl-ezatt u ghalhekk zgur illi ma zdiedux mistiednin.

Qalet illi t-tieg kien beda qisu xi s-siegha u n-nofs ta' wara nofsinhar u l-mistiednin kienu telqu qisu xi s-sebgha u nofs ta' fil-ghaxija. Xehdet illi waqt it-tieg ma tkellmitx mal-*wedding organiser* u lanqas wara dakinhar. Qalet li ghalhekk saret taf li ma kienx hemm bizzejjed ikel ghall-mistiednin l-ghada filghodu x'hin cemplet lil hutha biex tistaqsihom kif kien it-tieg u dawn irrispondew illi ma kienx hemm bizejjed ikel tant illi kienu ilmentaw **mal-*waiter* li kien qalilhom li dan kien tieg**

**ghal 400 mitt persuna mhux ghal 500 ruh.** Qalet li imbaghad tkellmet ma' Mario Buhagiar li kien qalilha li hu u l-*head waiter* kienu raw kif ghamlu biex iggebdu l-ikel u li ma kien qalilha xejn biex ma jirrovinaliex il-gurnata.

Spjegat illi hija t-tieni darba li marru kienu ziedu n-numru ta' mistiednin, u dan billi filwaqt li **l-ewwel darba li marru kienu hadmu fuq 400 mistiednin, fl-ahhar xahar kienu ziedu n-numru ta' mistiednin ghal 500.** Xehdet illi hija waqt it-tieg ma ndunatx li ma kienx hemm bizzejjed ikel u li filfatt hi lanqas kellha cans tiekol xejn peress illi kellha wisq x'taghmel idur mal-mistiednin. Kompliet li hija kienet ratha stramba li ma kien fadal xejn ikel hlief *cake* u li kien ghalhekk li kienet cemplet lil wahda minn hutha biex tistaqsiha jekk kelliex ikel u ohtha qaltilha li ikel ma kienx hemm. Ziedet li ghalhekk kienet cemplet li mistiednin ohra u kollha qalulha li ma kienx hemm ikel u li meta kienu waslu d-dar kellhom jaghmlu xi haga tal-ikel huma. Qalet li meta kienu marru jilmentaw il-Busy Bee, Diane Ellul, wara li ndagat rigward x'gara, kienet qaltilhom illi Marco accetta l-izball u ha t-tort u staqsithom x'riedu bhala kumpens, u hi qaltilha li riedu li tintbghat ittra ta' apologija lill-mistiedenin, liema proposta giet irrifjutata ghaliex is-socjeta rikorrenti ma rieditx twaqqa isimha. Ziedet li xi jumejn wara Ellul kienet cemplet u qaltilha li s-socjeta rikorrenti kienet lesta toffri l-*cake* b'xejn bhala kumpens, izda hi hasset li dan kien dahq fil-wicc ikkonsidrat illi fil-fehma taghha, s-socjeta rikorrenti kienet hassritilha t-tieg. Qalet li ghalhekk kienet talbet lir-ragel sabiex ikellem li *caterer* iehor sabiex jiehu sodisfazzjoni, u wara li wrewh l-ordni dan il-*caterer* qal li zgur ma kienx hemm bizzejjed ikel ghal 500 persuna u li hu kieku kien iservi iktar ikel minn hekk.

**In kontro-ezami** xehdet illi meta kienet marret ghand is-socjeta rikorrenti wara t-tieg kienet marret tibki daqs li kieku gratilha tragedja kbira, u bil-paniku li kienet qed thoss dak il-hin kienet talbet lis-socjeta rikorrenti li bhala kumpens jaghmlulha festin iehor, jzidulha b'elfejn euro ikel, u kienet lesta li thallas il-kont pendenti.

**Carlos Agius,** Head Chef mas-socjeta rikorrenti, xehed illi huwa ilu jokkupa l-kariga tieghu ghal tnejn u ghoxrin (22) sena u huwa nvolut fil-preparazzjoni u tizjin tal-ikel

ghat-tigijiet. Xehed illi mill-esperjenza tieghu in-numru ta' *items* li hemm fuq il-lista huwa bizzejjed ghal tieg ta' 500 persuna ghaliex il-kwantitajiet jidhru normali. Fir-rigward tal-*finger food* li jidher li hemm kwantitajiet izghar minnu spjega li dan huwa sempliciment ghaliex ikun hemm per ezempju tlett tipi ta' *finger foods* li johorgu fuq *trays* imhaltin u ghalhekk ma jaghmlux il-kwantita shiha ta' kull wiehed.Qal ukoll illi fil-karriera kollha tieghu, din hija l-ewwel darba li wasal ilment li ma kienx hemm bizzejjed ikel fit-tieg.

**In kontro-ezami** xehed illi huwa ma kienx prezenti meta l-intimata kienet marret tilmenta pero jaf dwar l-ilment peress illi kien kellmu l-*catering manager* biex jara x'gara u ma garax.

**Chris Agius,** Head Pastry Chef mas-socjeta rikorrenti, xehed a fol 71 illi ilu jahdem mas-socjeta rikorrenti tlieta u ghoxrin (23) sena. Qal illi hu ma jkollux x'jaqsam mad-decizjoni rigward il-kwantita ta' ikel ghal-tieg, ghalkemm mill-esperjenza tieghu il-lista in kwistjoni tidher wahda tipika.

**In kontro-ezami** mistoqsi jekk kienx prezenti ghal xi ilment xehed illi ma kienx u illi ma tantx ikollhom ilmenti.

**Charles Camilleri,** Pastry Chef mas-socjeta rikorrenti, xehed illi hu ilu jahdem mas-socjeta rikorrenti ghal tnejn u ghoxrin (22) sena u li hu huwa l-persuna li jiehu hsieb il-kcina waqt ir-riceviment. Fir-rigward tad-dokument a fol 34, xehed illi din il-lista ikollhom wahda l-gharrajjes u wahda s-socjeta' rikorrenti, u juzawha biex iqabblu x-xoghol ghaliex persuna inkarigata mill-gharrajjes ghand l-obbligu li ticcekkja u tghodd l-*items* li jkunu waslu mill-fabbrika biex jaraw li hemm kollox kif suppost. Xehed illi ghalih din hija lista tipika u li generalment ikun hemm qisu 26 *item* ghal kull persuna. Fir-rigward tal-items li fil-lista jidher li kien hemm 150 minnhom xehed illi dan huwa normali ghaliex dawn ikunu *items* keshin li johorgu fil-bidu meta jkun hemm varjeta ta' ikel fuq it-*tray*.

**In kontro-ezami** xehed illi ma jafx illi fil-kaz tat-tieg tal-intimata kien hemm ilment.

**Philip Gatt** xehed illi huwa jahdem *part-time* bhala *head waiter* mas-socjera rikorrenti, u ilu jahdem mas-socjeta rikorrenti ghal 20 sena, hames snin bhala *waiter* l-bqija bhala *head waiter*. **Xehed illi meta wasal l-ikel, bhal ma jigri ssoltu, il-*best man* jew l-*organiser* kien ivverifika li kollox kien sew skont l-ordni li kien sar mill-intimata.** Fir-rigward tad-dokument a fol 38 tal-process, spjega illi dan huwa dokument fejn meta tispicca l-funzjoni, jigi indikat kemm ikun sar hin u **min ikun inkarigat jiffirma biex jikkonferma fi x'hin ikun spicca it-tieg, in-numru ta' *waiters* li kien hemm u li huma sodisfatti.** Zied illi fl-ebda hin waqt it-tieg, ma ilmenta xi hadd mieghu. Mistoqsi mill-Qorti kemm ikollhom tigijiet f'sena xehed illi mhux kull sena l-istess, u spjega li l-*peak* tal-istagun generalment jibda f'April u li dejjem ikollhom qisu hamsin tieg. Mistoqsi kemm kien dam it-tieg, xehed illi ma jiftakarx ezatt pero jaf li kien dam u li **zgur kienu sar t-tmienja meta kien spicca.**

Xehed illi din kienet l-ewwel darba li gara xi haga ta' dan it-tip. Qal li ghal bidu huwa normali li ma jidhlux *left overs* lura ghaliex il-mistiednin ikunu ghadhom gejjin u jkunu bil-guh, pero f'dan il-kaz, fl-ebda mument ma kienu qed jidhlu *leftovers* lura, ghaliex ikel kien hemm ezatt. Qal illi huwa filfatt kien qal lil *organiser* illi ma kienux qed jidhlu *leftovers* u dan kien qallu '*ok alright'* u sabiex ma jghidx lill-gharrejjes, izda fl-ebda punt ma kien hemm xi ilment. Qal illi dan kien tieg kbir hafna u fil-fatt kien ghamlu kumment f'dan is-sens, kemm il-pulizija li kien hemm u kif ukoll James Aquilina li kien inkarigat mix-xorb. Spjega illi peress illi Palazzo Promotorio huwa kbir il-procedura hija illi numru ta' *waiters* jibdew minn wara u ohrajn quddiem u jiltaqu' fin-nofs izda il-waiters qalulu li hafna drabi ma kienux qed jiltaqu' u ghalhekk kien qalilhom biex jibdew minn fejn spiccaw biex dak li jkun jilhaq jiehu xi haga.

Xehed illi ghalkemm ma jiftakarx li kien ghamel xi kumment li l-*organiser* dwar l-ammont ta' ikel, kien innota illi **l-ikel kien daqsxejn skars peress illi hafna drabi il-*waiters* ma bdewx jiltaqu' fin-nofs**. Xehed illi dan dejjem jista' jkun li jkollok

mistiednin li jiehu iktar minn porzjon wiehed. Ikkonferma li ftit tal-jiem wara kien iltaqa' mal-intimata u kien mar jghidilha li kien jiddispjacih ghal li kien gara ghaliex la huma klijenti hu kienu jiehu gost kienu kollox mar tajjeb. Xehed illi ma kienx hemm *leftovers* ta' ikel wara li spicca t-tieg.

**Mario Buhagiar** xehed illi huwa kien il-*wedding organiser* tat-tieg tal-intimata wara li kienu avvicinawh bhala hbieb biex jiehu hsieb l-andament tat-tieg. **Ikkonferma illi l-firma fuq id-dokument a fol 38 tal-process hija tieghu** u illi ghalhekk huwa kien iffirma illi sab kollox a sodisfazzjon tieghu fl-ahhar tat-tieg. Fir-rigward tad-dokument **a fol 34 tal-process ikkonferma illi l-ikel ordnat kien filfatt wasal is-sala.** Xehed illi **waqt it-tieg kienet ingibditlu l-attenzjoni darbtejn illi kien hemm nahat tas-sala fejn ma kienx qed jasal l-ikel** u ghalhekk kien gibed l-attenzjoni tal-*head waiter.* Kompla li **mat-tielet darba kien nizel fil-kcina u kien ra li fil-fatt it-*trays* kienu niezlin vojta.**

**James Aquilina** xehed illi huwa kien gie inkarigat mill-intimata sabiex jaghmel *cocktail* bar fit-tieg taghha, u l-ordni kienet saret ghal 450 mistieden. Xehed illi t-tieg kien *busy* hafna. Xehed illi x-xorb kien suplit mill-gharrajjes stess u ma kellux problema li spicca xi kwalita ta' xorb f'xi hin waqt it-tieg. Qal illi l-intimata u zewgha kien marru jhallsuh l-ghada stess tat-tieg u kienu anke hallsuh minghajr problemi meta talabhom xi haga *extra* ghaliex it-tieg kien dam izjed milli suppost.

**Diane Ellul** xehdet permezz ta' affidavit illi hija ilha nvoluta fis-socjeta rikorrenti ghal magior parti ta' hajjitha illi kienet involuta fid-divizjoni tal-*catering.* Xehdet illi pero f'dan il-kaz partikolari kienet iltaqghat mal-intimata u l-familja taghha li kienu marru jilmentaw fl-ufficju taghhom fid-29 ta' April 2014 u dan wara li semghat ghajjat gej mill-ufficju ta' Marco Buttigieg. Xehdet illi ghalhekk hija kienet marret tara x'gara u kienet sabet lil missier l-intimata jghajjat u jakkuza lil Buttigieg li dahaq bihom ghaliex skont hu ma kienx hemm bizzejjed ikel fit-tieg, u li tant kien qed jghajjat li bezzaghha. Qalet illi dakinhar hija kienet provat tispjega illi Buttigieg jahdem fuq sistema ta' *commission* fis-sens illi hu jiehu persentagg zghir minn fuq

kull bicca ikel li tigi mnizzla fis-sistema u li ghalhekk zgur li ma kienx fl-interess tieghu li jordna anqas ikel. Kompliet illi peress illi missier l-intimata ma riedx jikkalma u peress illi anke hi kienet interessat f'li setgha gara, kienet issugeritilhom illi jmorru aktar tard dakinhar biex huma jilhqu jikkalmaw u hi tilhaq tindaga dwar x'gara.

Xehdet illi hija kienet fittxet x'gara fit-tieg tal-intimata u kienet kellmet lil hutha d-diretturi kif ukoll lil min kien inkarigat mit-tghabija tal-ikel u min kien prezenti fis-sala, in partikolari Charles Camilleri. Xehdet illi hadd ma qalilha li kien hemm xi haga mhux f'lokha waqt it-tieg. Qalet ukoll illi hija kienet personalment iccekjat il-kwantita tal-ordni skont il-lista, u skont kemm kien hemm nies, **irrizulta li kien hemm xi 26 bicca ta' ikel ghal kull mistieden**, li skontha huwa l-massimu tal-medja li jigi kkonsmat f'avveniment bhal dan, peress illi **generalment ikun hemm bejn 24 u 27 bicca ghal kull persuna.** Ziedet illi dan il-kalkolu rrepetietu aktar minn darba biex tkun certa. Qalet li kienet giet informata illi t-tieg kien dam madwar seba' sieghat u nofs, ghaliex kien **beda ghal habta ta' s-siegha u nofs ta' wara nofsinhar u spicca ghal xi t-tmienja u nofs ta' filghaxija.** Xehdet illi huma jikkalkulaw illi tieg ta' wara nofsinhar idum bejn wiehed u iehor erba' jew hames sieghat u ghalhekk kienet ikkonfermat ma' Buttigieg illi l-intimata **qatt ma kienet semmiet xi intenzjoni li tordna *after party*.**

Qalet illi meta l-intimata u l-familja taghha irritornaw aktar tard missierha kien rega deher aktar irrabjat u beda jghajjat u jsabbat bil-ponn tant li bezzaghha u dan wara li spjegatlu l-kalkoli li ghamlet u li mill-esperjenza taghhom dan kien altru milli bizzejjed ghal tieg ta' 500 persuna specjalment ikkonsidrat illi minhabba numru ta' ragunijiet ikun hemm aktar *pieces per person* minn dak li jkun jidher fuq il-lista. Ziedet illi malli hargu setghat tisma' lil missier l-intimata jghid lin-nies li kienu qed jistennew fil-*waiting room* illi s-socjeta rikorrenti "*huma hallelin.*" Qalet illi hija mbaghad kienet iltaqghat darba ohra mal-intimata u r-ragel taghha meta maru l-ufficju taghhom biex jipproponu li ma jhallsu xejn mit-tieg filwaqt li jorganizzawlhom tieg iehor u jibghatu ittra ta' apologija lill-mistiednin kollha.

Xehdet illi huma kienu pprovaw jaslu ghal soluzzjoni unikament a fini ta' *customer relationship* pero meta semghu din il-proposta, irrealizaw illi ma kienu ser jaslu imkien.

**In kontro-ezami** xehdet illi hija ma kienet bl-ebda mod involuta fil-*catering* tat-tieg tal-intimata. Ikkonferma illi l-persuni nkarigati tas-socjeta rikorrenti jghinu lil klijenti jaghzlu dak li jkollhom bzonn. Xehdet li meta kellmuha l-intimata u l-genituri taghha, qalula li waqt it-tieg huma ma ndunaw b'xejn, filfatt l-*organiser* kien iffirma li kollox kien mar sew. Ghalhekk dakinhar tat-tieg huma kienu kuntenti, ghalkemm imbaghad meta ma hadu xejn ikel id-dar bdew jithassbu jekk il-mistiednin kellhomx ikel bizzejjed. Ellul kienet wegbitha li la l-ikel kien ittiekel kollu, dak kien juri li l-ikel intoghghob mill-mistiednin. Ikkonfermat il-kalkoli li ghamlet rigward l-ammont tal-ikel u li mill-esperjenza taghha kien hemm bizzejjed. Mistoqsija jekk kienetx qalet lill-intimata li Buttigieg kien jerfa r-responsabbilita ghal li gara, wiegbet illi qatt ma ammetiet li kellhom tort, pero huma dejjem jipprovaw izommu l-klijent kuntent. Dan ma jfissirx pero' li kienu qed jaccettaw li kellhom tort ghaliex ma setghux jamettu tort li ma kellhomx. Infatti Buttigieg kien organizzalhom "*tieg bellezza."*

Xehdet illi darba minnhom, meta ghal laqgha kienu prezenti r-ragel tal-intimata u ommha, r-ragel tal-intimata kien qalilha li kienet gietu f'mohhu li forsi kienu invitaw iktar nies milli kienu qalu lis-socjeta rikorrenti fl-ordni, izda zgur li ma kienx hemm iktar minn 520. Qalet illi ghalkemm hi ma kienetx qed taccetta tort xorta kienet proponiet li jiltaqu madwar medja u jisbu soluzzjoni u dan sabiex izomm relazzjoni tajba maghhom bhala klijenti biex ma jitilfuhomx.

**Marco Buttigieg** xehed permezz ta' affidavit illi huwa ilu jokkupa l-kariga ta' Assistant Catering Manager mas-socjeta rikorrenti ghal dawn l-ahhar tlettax -il sena, filwaqt li ghandu esperjenzi ohra fil-kamp tal-*catering.* Huwa kkonferma dak li qalet Diane Ellul fl-affidavit taghha rigward il-laqghat li kienu saru mal-intimata u l-familja taghha meta marru jilmentaw rigward l-ammont ta' ikel li kien hemm fit-tieg taghha.

Spjega illi xogholu jinvolvi primarjament il-*bookings* ghall-avvenimenti, thejjija ta' stimi, li ikunu jinkludu l-prezz u l-kwantita ta' ikel skont in-numru ta' mistiednin indikat mill-klijent, ghal liema stima juza programm tal-*computer* imfassal sabiex jaccerta li ma jittiehdux zbalji fil-kalkoli dwar *pieces per person.* Xehed illi kemm ilu jahdem fin-negozju tal-*catering* qatt ma kellu ilmenti bhal ma qed ghamlet l-intimata u li filfatt issoltu jircievu *feedback* tajjeb hafna u noti ta' ringrazzjament. Xehed illi mill-istima prezentata bhala **Dok MB4, jidher li kien hemm altru milli bizzejjed ikel ghat-tieg tal-intimata, ghaliex anke jekk kellhom jitfaccaw il-hames mitt persuna kollha, li qatt ma tigri, kien hemm 26-il bicca ta' ikel ghal kull persuna.** Qal li min kif jikkalkolaw huma din hija l-massimu tal-medja li persuna tikkonsma f'avveniment ta' din ix-xorta u li l-kalkolu taghhom ilhom juzawh snin twal. Qal illi meta l-intimata u l-genituri taghha kienu marru l-ufficju tieghu it-Tlieta ta' wara t-tieg, kien haseb li kienu marru jhallsu u jirringrazzjawhom tas-servizz. Minflok, pero' malli dahal missier l-intimata, beda jghajjat, joffendih personalment u jakkuzah li dahaq bihom, ghaliex skont hu, l-mistiednin kienu baqghu bil-guh u li ghalhekk kien gie umiljat. Xehed illi hu kien sorpriz b'dan l-agir ghaliex kien gie kkonfermat lilu li l-ikel kollu tghabba fil-van, u ma rrizultax li kien hemm ilmenti dakinhar tant illi l-*best man* kien iffirma li kollox kien a sodisfazzjoni tieghu.

Qal illi huwa kien tkellem ma' Charles Camilleri li rrimarka li l-ikel beda hiereg b'rata mghaggla hafna, u kien informat ukoll, illi t-tieg kien dam ghal diversi sieghat ghaliex fejn normalment tieg idum bejn erba' jew hames sieghat dan it-tieg kien dam aktar minn seba' sieghat.

**In kontro-ezami** a fol 148 et seqq xehed illi l-intimata m'ordnatx *after party* u dan minkejja li tieg tal-intimata dam sat-8.00pm. Xehed li wara li kien dahal l-ilment tal-intimata hu kien tkellem ma' Philip Gatt, il-head waiter, li kien qallu li l-ikel kien ittiekel b'rata mghaggla hafna u li kien ittiekel kollu mhux bhal f'tigijiet ohrajn fejn ikun jifdal l-ikel, izda ma qallux li kien hemm xi hadd li l-ilmenta dwar l-ammont ta' ikel waqt it-tieg. Anzi ikkonfermalu li l-*organiser* kien iffirma li kollox kien a

sodisfazzjoni tieghu. Xehed illi hu ilu jahdem f'dan il-qasam ghal xi 14 – il sena u fit-tieg in kwistjoni, **uza s-sistema li juzaw ghal kull tieg iehor, u cioe hadem fuq rata ta' 24 – 27 bicca ta' ikel ghal kull persuna,** li jsarrfu ghal circa kilo ikel kull persuna. Xehed illi fl-14 – il sena li ilu juza din is-sistema, qatt ma gara dak li gara fit-tieg tal-intimata.

Innega li hu jew is-socjeta rikorrenti qatt assumew responsabbilta ghal li gara. Rigward il-fatt li kienu offrew lill-intimata li ma thallasx ghall-*cake* spjega li dan kien ghaliex f'dan ir-rigward kien proprju sar zball, ghaliex it-tielet darba li marret l-intimata kienet biddlet l-ordni ta' *almond cake* ghal *bacio cake,* u fit-tieg kien inghata lilha *almond cake* biz-zball. Spjega li l-ewwel darba li marret l-intimata ma ommu, kienu indikaw 400 bhala n-numru ta' mistiedin u spjegali dakinhar ma giex ordnat kejk ghaliex dik kienet il-prassi peress illi l-ewwel appuntament ikun biss ghal fini ta' stima. Kompla li kien fit-tieni appuntament li n-numru ta' mistiednin zdid ghal 500, u fl-istess appuntament gie ordnat *almond cake,* u inbidel ukoll it-tip ta' ikel li kellu jigi servit fit-tieg.

**Antoine Borg** xehed a fol 156 et seqq illi huwa kien prezenti ghat-tieg tal-intimata, u kif ukoll kienu ordnaw ix-xorb minghandu ghal circa hames mitt persuna. Qal illi l-intimata kienet insistiet li jkollha ditti tajbin u xorb ta' kwalita gholja, u li jekk jista' ahjar jipprovdi ghal ftit iktar minn dak pjanat. Xehed illi l-ammont ta' xorb provdut minnu serva u kien ghad baqa' xi haga bqija wkoll. Qal illi huwa bniedem li jiekol u li peress li kien ghan-nofsinhar kien ser jiehdu aktar minn haga wahda minn fuq it-*tray* izda l-*waiter* waqqfu u qallu li ahjar le ghaliex ma kienx jaf kemm kien ser iservieh. Qal li dan kien ghal xi s-saghtejn ta' wara nofsinhar. Qal ukoll illi huwa thallas minghand l-intimata jumejn wara t-tieg.

**In kontro-ezami** xehed illi n-negozju tieghu jirrigwarda l-provvista ta' xorb ghal tigijiet, u l-prassi tieghu huwa li jipprovdi ghal ftit iktar mill-ammont ta'mistiednin li jkollu l-klijent tieghu, biex zgur ikun hemm bizzejjed, anke ghaliex jekk jibqa' z-zejjed jigbru lura hu u l-klijent ihallas biss ghal dak li jkun intuza. Xehed illi huwa

telaq mit-tieg ghal xi l-4.30pm jew 5.00pm u dak il-hin kien ghadu ma nqasamx il-*cake*.

**Mario Buhagiar** xehed a fol 161 et seqq illi hu kien il-*wedding organiser* tal-intimata. Spjega illi ghat-tieg kien hemm mistiednin hames mitt persuna, filwaqt li qisu xi hamsin persuna minnhom m'attendewx. Ikkonferma li hu kien iffirma d-dokumentazzjoni li kien wasal dak kollu li kien gie ordnat u fl-ahhar kien ukoll iffirma d-dokumenti tas-sahra. Spjega li waqt it-tieg, kienu gibdulu l-attenzjoni li l-ikel ma kienx qed jasal f'certu nahat u ghalhekk kien kellem lil Head Waiter Philip fil-kcina li qallu li ma kienx hemm bizzejjed ikel ghal hames mitt persuna. Qal li filfatt hu stess ra lil *waiters* niezlin bit-*trays* vojta. Xehed li anke l-mejda tal-kafe ma servitx. Xehed illi l-affarijiet kollha li kien hemm fuq lista kien waslu t-tieg, izda l-ammont miftiehem ma kienx tajjeb ghall-ammont ta' mistiednin li kien hemm it-tieg. Spjega li ghalhekk hu u l-Head Waiter kien ftehmu li johorgu tliet affarijiet differenti f'daqqa, sabiex jifirxu l-*waiters* mas-sala kollha, jeliminaw lil min kien qed jizfen u fejn jispicca *waiter* jibda iehor biex kulhadd jilhaq jiehu xi haga, u li ghalhekk kien hemm persuni li kienu qed jilmentaw li ma lahqux hadu xi haga partikolari.

**In kontro-ezami** xehed illi l-professjoni tieghu hija ta' Nursing Aide u fir-rigward ta' tigijiet ghamel xi ghoxrin sena jahdem bhala *waiter* apparti illi hadem ghall-familjari tal-intimata stess, u qatt ma kien hemm il-problema li kien hemm fit-tieg tal-intimata, ghaliex dejjem hadu l-ikel maghhom id-dar. Mistoqsi jekk hux kapaci jghid kemm hemm bzonn *items* ghal kull persuna wiegeb illi ma jafx, ghaliex din hi xi haga li trid tigi ddeterminata mill-professjonisti. Muri d-dokument a fol 34 ikkonferma illi kien hemm 38 tipi ta' ikel differenti waqt it-tieg in kwistjoni , u dan minbarra l-ikel li kien mal-mejda tal-*cake* u li ma kien hemm l-ebda haga li kellha hames mitt bicca. Xehed illi hu qatt ma kellu xi tieg li gie *catered* mill-Busy Bee.

**In kontro-ezami** a fol 167 et seqq xehed illi l-ewwel darba li ra l-lista ta' ikel kienet xi gimgha qabel it-tieg u mill-ewwel induna li ma kienx hemm bizzejjed ikel ghal

hames mitt persuna, u spjega li dan kien ghaliex ma kien hemm l-ebda tip ta' ikel li kellu hames mitt bicca.

**Saviour Vella** xehed a fol 169 et seqq illi huwa kien ghamel l-inviti ghat-tieg tal-intimata u kien anke attenda t-tieg. Qal illi l-intimata kienet ordnat 260 invit, u minn dawn generalment ikun hemm xi ghoxrin *extra* ghal li jista' jinqala', per ezempju jekk isir xi zball waqt li jkun qed jinkiteb l-invit, jew jekk il-koppja jkollha bzonn tistieden li xi hadd bla hsieb. Qal ukoll illi huwa ghamel il-perlini ghat-tieg, u l-ordni kien ta' 250. Xehed illi waqt li kien it-tieg innota li kien hemm hafna affarijiet tal-ikel li beda jarahom hergin izda qatt ma beda jilhaq minnhom.

**In kontro-ezami** a fol 170 et seqq xehed illi l-kwalita tal-ikel kienet tajba hafna izda ma kienx hemm kwantita bizzejjed. Qal illi hu kien fis-sala mill-bidu tat-tieg sa xi l-4.30pm jew 5.00pm u kiel circa 15 -il bicca ikel.

**Emanuela Zammit** xehdet a fol 176 et seqq illi hija tigi z-zija tal-intimata u kienet prezenti ghat-tieg in kwistjoni. Xehdet illi kien hemm waiter li ma kienx qed jersaq lejn in-naha taghhom u meta hi u ohtha Tania Carabott kkonfontrawh fuq dan, **l-waiter qalilhom illi kien hemm ikel biss ghal 400 persuna.** Spjegat li hi kienet fuq barra, u kienet qed tara l-waiter dejjem imur in-naha l-ohra u qatt ma jmur in-naha taghhom biex iservi l-ikel.

**In kontro-ezami** a fol 177 et seqq xehdet illi hi ma ratx il-lista ta' ikel ordnata mill-intimata, ghalkemm ohtha kienet urieta l-karta li kienet ordnat ghal hames mitt ruh.

**Tania Carabott** xehdet a fol 179 et seqq illi hija tigi z-zija tal-intimata u kienet attendiet it-tieg in kwistjoni, fejn osservat li ghalkemm kien tieg sabih ma kienx hemmx ikel, tant li spiccat marret tiekol id-dar u kkonfermat x-xhieda ta' Emanuela Zammit. Qalet li x'hin kien ghadda kwazi nofs it-tieg, kienet kellmet waiter ghaliex hadd ma qed imur magenbohm u ghalhekk spiccaw kwazi ma kielu xejn. Ziedet li

fiz-zewg tigijiet ohrajn organizzati minn omm l-intimata "*mhux faqatna li spiccajna nieklu wara u l-ghada.*"

**In kontro-ezami** a fol 180 et seqq xehdet li kienet prezenti t-tieg mill-bidu sal-ahhar u kielet biss xi erbgha jew hames affarijiet.Qalet li wara t-tieg rat il-karta tal-ordni tal-ikel u rat illi t-tieg kien ordnat ghal hames mitt ruh.

**Charmaine Abela** xehdet a fol 183 et seqq illi hi tigi z-zija tal-intimata u kienet attendiet ghat-tieg in kwistjoni fejn kienet innotat illi ghalkemm it-tieg kien sabih ma kienx hemm ikel u kellhom imorru jieklu d-dar. Spjegat illi filfatt kienet marret tkellem lil *wedding organiser* peress li rat li kien hemm *area* minnhom fejn ma kienx qed jasal ikel u taf li hu mar ikellem lil *head waiter* izda ma tafx x'intqal ghaliex ma kienetx prezenti. Qalet illi hi rat persuna ftit il-boghod minnhom jaqbad it-*tray* tal-*waiter,* jiehdu u qasmuh bejniethom fil-grupp li kienu qieghdin.

**In kontro-ezami** a fol 184 et seqq xehdet li hi kull ma hadet waqt it-tieg kollu kien *kebab* tal-frott. Xehdet ukoll illi wara t-tieg kien rat il-karta tal-ordni ghall-ikel, skont liema ikel kien hemm ordnat ghal 500 persuna.

**Dr. Jasmine Abela** xehdet a fol 189 et seqq illi hi tigi l-kugina tal-intimata u kienet attendiet it-tieg in kwistjoni, liema tieg kien sabih hafna ghalkemm kien hemm ftit ikel. Spjegat li l-waiters kienu qed johrogu minn naha fejn kienu qieghdin huma u kienu qed johrogu bit-tray mgholli l-fuq, u meta jaslu lura ma kien qed ikun baqa' xejn fit-tray. Xehdet illi hi osservat nies jidhlu fin-nofs tal-waiter biex jiehdu l-ikel mit-tray. Xehdet li kien hemm numru zghir hafna ta' nies jizfnu komparat mal-ammont ta' mistiednin li kien hemm u qalet illi waqt li hi kienet qed tisfen ma ghadda l-ebda waiter hdejhom. Qalet illi f'hin minnhom bdiet gejja d-dizerta u kien f'dak il-punt li ndunat li kienet bil-guh u telqet miz-zfin biex tmur tiekol xi haga. Qalet illi ghalkemm ma tikkonsidrax lilha nnifsha bhala bniedma wikkiela fl-esagerat, ghada tiftakar sa tliet snin wara t-tieg, illi meta marret id-dar kienet qatghat bicca hobz u kilitha, ghaliex din kienet haga li ma kienet tistenniha qatt wara tieg.

**Paul Bonello** xehed a fol 191 et seqq illi hu kien attenda t-tieg tal-intimata mal-mara tieghu u kienu qaghdu hdejn il-*cocktail bar,* u nnota illi meta bdew hiergin il-*waiters* bdew jghaddu bit-*tray* mgholli il-fuq biex huma ma jkunux jistghu jiehdu minnu, u ghalhekk biddlu l-post fejn kienu, izda dan ma ghen xejn. Xehed li ghalhekk wara kien mar biex jiehu l-kafe ghaliex kien xorob hafna u kiel ftit, u suppost kellu jsuq izda ma kienx hemm kafe, u ghalhekk wara t-tieg kienu marru jieklu pizza minn barra.

**Louis Muscat** xehed illi hu jigi missier l-intimata izda rigward l-organizzazjoni tat-tieg ma tantx kien jaf peress illi halla kollox f'idejn martu u bintu, ghalkemm kien hu li hallas. Xehed li wara t-tieg Philip, li kien qed jiehu hsieb min-naha tal-Busy Bee qallu li ma kienx fadal ikel u li n-nies '*anki l-plastic kielu'*. Qal li t-Tlieta kienu marru ghand il-Busy Bee biex jilmentaw u kienet dahhlet Diane Ellul fl-ufficju li kienu qaltilhom li ha tiehu hsieb tara x'gara hi. Dakinhar stess Ellul baghtet ghalilhom u qaltilhom li s-socjeta rikorrenti kienet qed taccetta t-tort. Qal ukoll illi xi granet wara kienu mistiednin tieg fejn il-*caterer* kienu l-Busy Bee u kien mar sabu il-head waiter Philip u qallu li jiddispjacih ghal li gara u li t-tort kien tas-socjeta rikorrenti ghaliex juzaw *computer* biex jghoddu kemm ghandu jkun ikel, li zgur mhux sistema tajba ghaliex il-*computer* mhux kapaci jaghmel kalkoli u s-socjeta rikorrenti jmissa tarmi l-*computer*.

Xehed li ghalhekk hu kien mar ghand *caterer* iehor, u cioe Tony Camilleri, biex jiehu opinjoni fuq l-ammont ta' ikel li kien isserva fit-tieg, u kien nehha l-indikazzjoni li l-*caterer* kien il-Busy Bee biex il-*caterer* l-iehor jibqa' naqra oggettiv. Xehed illi xi jumejn wara Camilleri kien qallu li kien wera l-ordni lil min jiehu hsieb il-*catering* fin-negozju tieghu. Mistoqsi kemm il-mistieden m'attendiex, wiegeb li jikkalkula li ma marrux qisu xi tletin invit.

**Anthony Camilleri** xehed illi huwa CEO ta' Camilleri Group, li parti min-negozju taghha hu *catering.* Xehed illi missier l-intimata kien hadlu l-ordni tal-ikel tat-tieg

tal-intimata, minghajr indikazzjoni ta' min kien il-*caterer,* ghaliex ried opinjoni rigward jekk kienx hemm bizzejjed ikel ghal tieg ta' 500 persuna. Qal illi ghalhekk huwa kien ghadda d-dokumentazzjoni lil persuna li taghmel il-kwotazzjonijiet ghal tali ordnijiet fil-kumpanija tieghu, li qatlu li infurmatu l-ordni li kienet bizzejjed ikel **ghal 400 persuna**, u ghalhekk kien qal b'dan lil missier l-intimata.

**In kontro-ezami** xehed illi kull *caterer* jahdem bil-mod partikolari tieghu, izda hu f'tieg tieghu **johrog kwantita ta' bejn 20 jew 22 bicca ikel ghal kull persuna,** barra l-helu, u bhala helu johrog **kwantita ta' 5 bicca ghal kull persuna,** inkluz il-gelat, pero esklux il-kejk. Mistoqsi kemm kien hemm bicciet ta' ikel ghal kull persuna fl-ordni tat-tieg tal-intimata xehed illi jekk mhux sejjer zball kien hemm 28 bicca ta' ikel ghal kull persuna, li fl-opinjoni tieghu '*u ta' min hu kompetenti'* huwa baqa' jishaq li l-ordni kienet ghal erbgha mitt ruh.

**Ikkonsidrat;**

Din il-kawza tikkoncerna *catering* provdut mis-socjeta rikorrenti ghat-tieg tal-intimata, fejn skont l-intimata s-socjeta rikorrenti ma provditx xoghol skont l-arti u s-sengha u dan peress li, dejjem skont l-istess intimata, ma kienx hemm bizzejjed ikel fit-tieg tort tal-parir hazin moghti lilha mis-socjeta rikorrenti. Ghalhekk l-intimata thoss li m'ghandhiex thallas il-bilanc reklamat mis-socjeta rikorrenti f'din il-kawza. **Jirrizulta illi m'huwiex kontestat illi l-ikel ordnat wasal kollu, u lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar il-kwalita tal-ikel provdut**.

Il-pern ta' kwistjoni huwa proprju l-parir moghti lill-intimata mis-socjeta rikorrenti, li fl-opinjoni tal-intimata kien parir hazin li wassal sabiex ma jkunx hemm bizzejjed ikel ghal mistiednin kollha li kellha fit-tieg taghha.

Il-punti saljenti li hargu mill-provi prezentati huma s-segwenti:

- L-intimata marret ghand is-socjeta rikorrenti rigward l-ordni taghha tliet darbiet: 1) l-ewwel darba harget biss *quotation* u thallas depozitu, il-*cake* ma giex ordnat kif inhi l-prassi, u n-numru ta' mistiednin kien 400;
  2) it-tieni darba in-numru ta' mistiednin zdied ghal 500, inbidel it-tip ta' ikel, u gie ordnat *almond cake*;
  3) it-tielet darba rega nbidel it-tip ta' ikel u gie ordnat *bacio cake* minflok l-*almond cake.*

- L-intimat ghazlet minn jedda li ma taghmilx *after party,* u ghalhekk gie ordnat ikel ghal tieg normali li skont xhieda mhux kontradetta jdum bejn erba' u hames sieghat. It-tieg tal-intimata pero dam aktar minn hekk, u filfatt dam sa xi t-8.30pm. Filfatt xhieda prodotti mill-intimata stess xhedu li meta telqu huma, ghal xi 4.30pm – 5.00pm, kien ghadu lanqas biss inqasam il-*cake*.

- L-ordni kien jikkonsisti f'48 tipi ta' ikel differenti (eskluz il-*cake* tat-tieg u l-*cake* tax-xhieda), u b'kollox kien hemm 27 bicca ikel ghal kull persuna, mahduma fuq kalkolu ta' 500 invitat. Minn dawn il-500 invitat kien hemm numru ta' persuni li ma marrux, ghalkemm hemm xhieda konfliggenti rigward kemm kien hemm nies li ma attendewx, fejn min qal li ma attendewx 30, min qal li ma attendewx 50, u skont missier l-intimata m'attendewx 30 inviti, u cioe 60 persuna. Ghalhekk fil-verita kien hemm ftit iktar minn 27 bicca ikel ghal kull mistieden li attwalment attenda t-tieg. Skont ix-xhieda moghtija in kontro-ezami minn Marco Buttigieg dan issarraf f'circa kilo ikel ghal kull mistieden li attenda t-tieg.

- Il-Qorti rat ix-xhieda ta' Anthony Camilleri, prodott mill-intimata sabiex jaghti l-opinjoni tieghu rigward l-ammont ta' ikel li kien hemm fl-ordni tat-tieg taghha. Il-Qorti tirreleva l-ewwel nett illi dan ix-xhud ittela biss bhala xhud u mhux bhala xhud espert, u ghalhekk ix-xhieda tieghu kellha tkun wahda fattwali, u mhux opinjoni rigward l-ammont ta' ikel, *multo magis* meta l-opinjoni m'hijiex tieghu

izda ta' xi hadd iehor li ma ssemiex u ma ttelax jixhed. Skont dan ix-xhud, il-persuna li tiehu hsieb l-ordnijiet ta' *catering* fil-kumpanija tieghu, kienet tal-fehma li l-ammont ta' ikel fuq l-ordni tat-tieg tal-intimata huwa ghal 400 persuna. L-istess xhud jghid illi fit-tigijiet li tahdem il-kumpanija tieghu, jaghmlu circa 20 – 22 bicca ikel ghal kull persuna, oltra 5 bicciet helu, eskluz il-*cake*, u cioe bejn 25 – 27 bicca ikel ghal kull persuna. Rigward it-tieg in kwistjoni qal li kien hemm 28 bicca ikel ghal kull persuna, izda mbaghad, ghal raguni inspjegabbli, qal li dan l-ammont kien intiz ghal tieg ta' 400 persuna.

- Dan ir-ragunament evidentement ma jsegwix.

- Il-Qorti tqis ghalhekk illi fid-determinazzjoni taghha ghandha toqghod fuq is-sistema li f'tieg ghandu jkun hemm, skont il-prassi bejn 25 – 27 bicca ikel ghal kull mistieden, u dan kif intqal mhux biss mir-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti, izda kif ikkonfermat mix-xhud Camilleri, fl-ewwel parti tax-xhieda tieghu.

Il-Qorti rat l-ordni maghmul ghat-tieg in kwistjoni, u jirrizulta fondat dak li xehdu Diane Ellul u Marco Buttigieg illi kien hemm 26 bicca ikel ghal kull mistieden. Dan ifisser ghalhekk illi l-ammont ta' ikel li gie ordnat jidhol sew fil-medja normalment ordnata ghal tieg. Ghalkemm jirrizulta illi l-*waiters* ma setghux ilahhqu mal-mistiednin u li fl-ahhar tat-tieg ma kienx fadal ikel, mill-provi ma jirrizultax illi dan huwa attribwibbli lis-socjeta rikorrenti, tenut kont tal-fatt illi l-ikel provdut kien skont in-norma. Huwa relevanti wkoll li t-tieg dam ghaddej aktar min-normal, u ghalhekk zgur li m'ghandhiex tiehu t-tort is-socjeta rikorrenti jekk l-intimata ordnat bizzejjez ikel ghal hames sieghat, imbaghad it-tieg dam sebgha sieghat, u dan specjlament meta skont wiehed mix-xhieda prodotti mill-intimata stess, xi l-5.00pm kien ghadu ma nqasamx il-*cake*, u ghalhekk in-nies kienu ghadhom qed jippretendu li jibqa' hiereg l-ikel *savoury*, meta suppost it-tieg kien wasal biex jispicca.

Mill-provi prodotti tirrizulta apjament infondata l-allegazzjoni tal-intimata illi s-socjeta ma hadmitx skont is-sengha u l-arti. Il-Qorti tqis anzi illi l-imgieba tas-socjeta rikorrenti kienet wahda professjonali ghal-ahhar, ikkonsidrat il-fatt illi Buttigieg kien jaghmel qliegh minn dak ordnat mill-intimata, u li ghalhekk aktar ma kellha ikel ordnat, aktar kien jaghmel qliegh hu. Minkejja dan, huwa pogga l-interessi tal-klijenta tieghu l-ewwel u ta parir biex ma tordnax ammont eccessiv u tispicca b'hafna hela, meta hu seta' agevolaha sabiex jaghmel iktar flus hu. Ikun kemmxejn ingust jekk is-socjeta rikorrenti tigi punita ghal dan, meta mill-provi jirrizulta illi **oggettivament** gie provdut ikel bizzejjed skont in-norma.

**Ikkonsidrat;**

Rigward l-imghax pero il-Qorti tqis illi t-talba tas-socjeta rikorrenti ghall-imghax dekoribbli mid-data tal-fattura ma tistghax tigi milqugha peress illi din ma kienetx transazzjoni bejn kummercjanti, izda wahda bejn negozjant u konsumatur, u ghalhekk l-imghax ma jibdiex jiddekorri mid-data tal-fattura izda mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat lill-intimata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tas-socjeta rikorrenti,

1. Tilqa t-tieni talba u iddikjara lill-intimata vera, ċerta u likwida debitriċi versu s-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tnax-il elf, tliet mija u disgħa u ħamsin ewro u sitt ċenteżmi (€ 12,359.06);

2. Tilqa limitatament t-tielet talba u ikkundanna lill-intimata sabiex tħallas s-somma ta' tnax-il elf, tliet mija u disgħa u ħamsin ewro u sitt ċenteżmi (€12,359.06), lis-soċjeta' rikorrenti, bl-imghax legali dekoribbli mill-1 ta' Settembru 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**